MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 1/2014

Avviz Numru 1/2014

**Lawrence Curmi**

**Vs**

**Id-Direttur, Progetti u Zvilupp u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2014 gie ikkoregut ghal id-Direttur Progetti u Zvilupp fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex.**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbtax (2014) li permezz tieghu l-attur talab hlas minn ghand il-konvenut fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€ 3494.06) rapprezentanti hlas ghal stallazzjoni ta' apparat f'biccerija skond fattura numerata tlieta u ghoxrin datata il- 5 ta' Jannar 2012.

Il-konvenut irrisponda billi fl-ewwel lok issolleva l-fatt illi l-Avukat Generali ma giex notifikat; fit-tieni lok eccepixxa n-nullita ta' l-azzjoni attrici stante illi l-azzjoni ma gietx preceduta minn ittra ufficcjali fit-termini ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12; fit-tielet lok giet eccepita l-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2149 (c). Bir-raba u l-hames eccezzjoni l-kreditu pretiz gie attakkat fil-mertu.

Ra l-atti kollha.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum, ghad-decizjoni fuq it-tieni eccezjoni preliminari.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn utli li jigi osservat illi l-ewwel eccezzjoni giet sanata mill-attur bin-notifika ta' l-avukat generali u konsegwentament giet irtirata mill-konvenut fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Illi t-tielet eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni giet iritarata mill konvenut permez ta' nota tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014)

Illi din is-sentenza ghalhekk tikkoncerna it-tieni eccezzjoni attrici, ukoll in linea preliminari, fejn hu eccepit illi l-azzjoni attrici hija nulla stante illi ma gietx preceduta minn interpellazzjoni gudizzjarja fit-termini ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dak l-artikolu jiddisponi illi l-ebda procediment gudizzjarju ma jista jsir kontra l-gvern jew awtorita governattiva, hlief wara li jkunu skadew ghaxart ijiem mid-data tan-notifika ta' ittra ufficcjali jew protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car.

L-attur jikkontendi illi dan il-vot tal-ligi gie sodisfatt bl-ittra ufficcjali tal-ghaxra (10) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) (esebita a fol 45 ta' l-inkartament processwali). Il-konvenut fit-trattazzjoni tieghu jikkondendi illi ghalkemm l-ittra giet notifikata (kif di piu jirrizulta mir-riferta esebita a fol 46 tal-process); dik l-ittra kienet wahda responsiva ghal ittra ohra u ghalhekk ma hix sufficenti fit-termini tal-ligi.

Illi dan it-tribunal josserva illi l-iskop ta' din il-ligi li taghti privilegg lil Gvern fil-kawzi tieghu huwa illi l-gvern ma jigix mahsud b'kawzi u li jinghata zmien sabiex jirregolarizza l-pozzizzjoni tieghu qabel ma jigi rinfaccjat bi proceduri gudizzjarji. Fi kliem iehor b'din il-ligi l-legislatur ried jassikura illi l-gvern ikollu zmien sufficenti biex jara jekk l-pretensjoni fil-konfront tieghu hiex wahda gustifikata jew le, u mhux ikollu jigi rinfaccat b'xi procedura gudizzjarja li tiswieh il-hin u l-flus, meta huwa seta' offra rimedju.

Izda f' ligi bhal din li kwantu qed tiddepartixxi min-norma u tohloq eccezzjoni, ghandha dejjem tinghata interpretazzjoni ristretta, ma hemm xejn li jghid illi l-interpellazzjoni gudizzjarja f'ittra ufficcjali jew protest trid tkun spontanja; fis-sens illi ma tistax tkun kontenuta f'xi ittra ufficcjali li per ezempju bhal dik odjerna tkun ittra ufficcjali risponsiva.

Illi in oltre dan it-Tribunal ma jara xejn barra minn loku f'kaz li pretensjoni tigi inserita f'ittra ufficcjali responsiva. Haga bhal din hija permessa mill-ligi anke fil-kaz ta' kawzi, fejn il-konvenut ikollu dritt illi jinqeda bl-istess kawza biex jintavola in via rikonvenzjonali kull pretensjoni tieghu li ghandha x'taqsam ma dak il-mertu.

It-talba maghmula mill konvenut fl-ittra ufficcjali tal- ghaxra (10) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) hija cara u tirreferi ghal l-istess fattura bl-istess numru u l-istess data ghal dik mertu tal-kawza.

L-unika differenza qeghda fl-ammont; fejn l-ammont pretiz f'din il-kawza huwa anqas minn dak fl-ittra ufficcjali. L-attur spjega r-raguni ghal dan u barra minn hekk dan in-nuqqas jiffavorixxi lil gvern.

Ghalhekk dan it-tribunal jhoss illi l-vot tal-ligi fl-artikolu 460 tal-Kap 12 gie debitament osservat fl-ispedizjoni ta' l-ittra ufficcjali ta' l-ghaxra (10) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) ; meta saret it-talba kumplimentari ghal din il-kawza. Jidher illi l-iskop ta' dan l-artikolu kellu jintlahaq, u l-konvenut kellu zmien ampju biex jkun jaf bil-pretensjoni ta' l-attur u jirregola l-pozizzjoni tieghu dwarha.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta u jiddeciedi din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut billi jichadha u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu. Spejjes ta' din is-sentenza preliminari jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------